Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,132, 17 ta' Ottubru, 2023
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXIII tal-2023

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT li jipprovdi għar-regolazzjoni, il-protezzjoni, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-agrikoltura f'Malta u kwistjonijiet inċidentali għaliha.

ACT No. XXXIII of 2023

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the regulation, protection, conservation and management of agriculture in Malta and matters incidental thereto.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **FRANK BEZZINA**
Aġent President

17 ta' Ottubru, 2023

ATT Nru XXXIII tal-2023

ATT li jipprovdi għar-regolazzjoni, il-protezzjoni, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-agrikoltura f'Malta u kwistjonijiet inċidentali għaliha.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

ARRANĠAMENT TAL-ATT

Taqsima I	Preliminari	1-2
Taqsima II	Amministrazzjoni	3
Taqsima III	Politiki, Pjanijiet u Regolamenti	4-7
Taqsima IV	Infurzar	8-15
Taqsima V	Mixxellanji	16-20
Skeda	Leġiżlazzjoni Sussidjarja	

TAQSIMA I
Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2023 dwar l-Agrikoltura.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u l-affarijiet rurali jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"agrikoltura" tfisser il-kultivazzjoni ta' uċuh ta' raba' agrikoli u ortikulturali u t-trobbija tal-bhejjem;

"attività agrikola" tfisser il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli inkluż il-ħsad, il-ħlib, it-tgħammir tal-annimali u ż-żamma tal-annimali għal skopijiet ta' biedja, jew iż-żamma tal-art f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba;

"awtorità kompetenti" tfisser id-Direttorat tal-Agrikoltura;

"awtorizzazzjoni" tfisser att amministrattiv li permezz tiegħu d-Direttur jista' jippermetti kwalunkwe attività pertinenti għal dan l-Att, wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni;

"azjenda agrikola" tfisser l-unitajiet ta' produzzjoni kollha inklużi dawk ġestiti minn bidwi, minn persuna li trabbi l-bhejjem, jew minn proċessur;

"bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għall-azjenda u li teżerċita attività agrikola;

"Direttorat" tfisser id-Direttorat tal-Agrikoltura u jinkludi d-Direttur jew kull entità jew persuna awtorizzata li taġixxi f'isem id-Direttorat skont is-setgħat delegati mid-Direttorat taħt dan l-Att;

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għall-agrikoltura u tinkludi, sal-grad tal-awtorità mogħtija, kwalunkwe uffiċjal awtorizzat minnu bil-miktub, sabiex jaġixxi f'ismu għal kwalunkwe mill-għanijiet ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

"ħamrija fertili" tfisser ħamrija li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun adattata jew tkun tista' ssir adattata għal skopijiet ta' agrikoltura;

"industrija agrikola" jew "settur agrikolu" tfisser in-negozju ta' uċuh ta' raba' agrikoli u ortikulturali, u tgħammir ta' bhejjem;

"Malta" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-

agrikoltura u l-affarijiet rurali;

"organizzazzjonijiet ta' produtturi u gruppi ta' produtturi" tfisser inizjattiva ta' produtturi ta' prodotti partikolari jew ta' persuni li jaħdmu fl-industrija tal-agrikoltura, li jaġixxu flimkien sabiex itejbu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq;

"persuna" tfisser persuna fiżika, u li tinkludi kwalunkwe sħubija kummerċjali, ditta, kumpanija, jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni jew kwalunkwe entità legali oħra;

"persuna awtorizzata" tfisser persuna debitament awtorizzata mid-Direttur sabiex twettaq spezzjonijiet u funzjonijiet oħra bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti oħra magħmula taħtu;

"prodotti agrikoli" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, iżda tinkludi l-qoton;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Kap. 490.

TAQSIMA II
Amministrazzjoni

Setgħat tad-Direttur responsabbli għall-agrikoltura.

3. (1) Dan l-Att għandu jkun amministrat mid-Direttur li għandu jkun responsabbli għal:

(a) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Nazzjonali;

(b) għat-teħid ta' tali miżuri li jista' jqis xierqa għall-protezzjoni, il-konservazzjoni, is-sostenibbiltà ta' art agrikola, bhejjem u prodotti;

(ċ) il-ġbir ta' data relatata mal-aspetti kollha tal-produzzjoni u l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli inkluż iżda mhux limitat għall-istruttura tal-azjenda agrikola, il-post, il-kontabilità, l-impjiegi u l-prattiki agrikoli u tal-ipproċessar adottati għat-tħejjija tal-politika, it-tfassil tal-istatistika u ż-żamma ta' databases;

(d) il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza ta' attivitajiet agrikoli u attivitajiet anċillari għalihom;

(e) il-ħruġ, il-varjazzjoni, is-sospensjoni u r-revokar ta'

permessi u liċenzji għal attivitajiet agrikoli, u kwalunkwe tagħmir jew makkinarju użat b'konnessjoni mal-agrikoltura u attivitajiet oħra li għalihom huma meħtieġa permessi jew liċenzji skont dan l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu;

(f) il-provvediment ta' dispożizzjonijiet regolatorji għall-frammentazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-art;

(g) il-ġbir ta' tariffi fir-rigward ta' permessi u liċenzji kif ukoll il-ġbir ta' tariffi għal liċenzji maħruġa għall-kategoriji l-oħra kollha ta' permessi u liċenzji msemmija fil-paragrafu (e);

(h) it-twaqqif u l-amministrazzjoni ta' servizzi ta' estensjoni sabiex jipprovdu appoġġ lis-settur agrikolu;

(i) kwalunkwe kwistjonijiet oħra li jeħtieġu amministrazzjoni taħt dan l-Att.

(2) Id-Direttur jista', bil-miktub, jawtorizza kwalunkwe uffiċjal pubbliku sabiex jeżerċita kwalunkwe jew is-setgħat kollha tad-Direttur skont dan l-Att, jew fl-istess ħin miegħu jew fl-assenza tiegħu, soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jista' jistipula fl-awtorizzazzjoni tiegħu bil-miktub.

TAQSIMA III
Politiki, Pjanijiet u Regolamenti

Pjanijiet, politiki u regolamenti.

4. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-ġestjoni sostenibbli tas-settur agrikolu għandha tkun regolata minn pjanijiet, politiki u regolamenti, li huma mħejjija u emendati, minn żmien għal żmien, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Il-Politika Agrikola Nazzjonali u t-tħejjija u r-reviżjoni tagħha.

5. (1) Il-Politika Agrikola Nazzjonali hija dokument ta' governanza strateġika li jistabbilixxi l-qafas ta' politika għat-tħejjija ta' pjanijiet, politiki u programmi maħruġa skont dan l-Att.

(2) Id-Direttorat tal-Agrikoltura għandu jipprepara l-Politika Agrikola Nazzjonali. Fit-tħejjija ta' dan id-dokument, id-Direttorat tal-Agrikoltura għandu jikkonsulta mal-entitajiet kollha, kemm jekk pubbliċi kif ukoll xort'oħra, inklużi l-ministeri, hekk kif id-Direttorat tal-Agrikoltura jqis xieraq.

(3) Il-Ministru għandu jirrevedi l-Politika Agrikola Nazzjonali kull għaxar (10) snin, sakemm ma tkunx meħtieġa reviżjoni tal-imsemmija politika qabel ma jgħaddu l-għaxar (10) snin:

Iżda jekk id-Direttorat ma jkunx jista', għal kwalunkwe

raġuni, iħejji l-Politika Agrikola Nazzjonali jew ir-reviżjoni tagħha, id-Direttur għandu jinforma lill-Ministru mingħajr dewmien u l-Ministru għandu jagħti struzzjonijiet lid-Direttorat sabiex jiddelega din il-funzjoni, u b'hekk jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jiġu mħarsa.

(4) Fit-tħejjija jew ir-reviżjoni tal-Politika Agrikola Nazzjonali, il-Ministru għandu jqis:

(a) il-politiki tal-Gvern;

(b) il-politiki ambjentali;

(ċ) il-politiki ekonomiċi u finanzjarji attwali;

(d) il-politiki soċjali attwali;

(e) il-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni Ewropea u obbligi internazzjonali oħrajn tal-konvenzjoni ambjentali li Malta hija parti minnhom;

(f) ir-riżorsi li x'aktarx ikunu disponibbli fl-entitajiet rilevanti kollha tal-gvern għall-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Setgħa sabiex jiddelega.

6. Il-Ministru jista', permezz ta' ordni fil-Gazzetta, jaħtar korpi jew persuni differenti bħala awtorità kompetenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu.

Setgħa sabiex isiru regolamenti.

7. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti, regoli u ordnijiet għall-aħjar implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jinkludu s-setgħa li jemenda, iħassar, iżid ma', u jvarja kwalunkwe minn dawn l-istrumenti, minn żmien għal żmien:

Iżda l-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jħassar, iżid ma', u jvarja kwalunkwe mill-Iskedi għal dan l-Att.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), l-imsemmija regolamenti jistgħu b'mod partikolari jipprovdu għal:

(a) kwistjonijiet relatati mal-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli;

(b) twaqqif ta' skemi nazzjonali bl-għan li jipprovdu għajnuna finanzjarja u forom oħra ta' gwida jew għajnuna ta' kwalunkwe natura lill-industrija agrikola;

(ċ) miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi Ewropej jew internazzjonali u standards oħra relatati mal-prodotti, prattiki jew tagħmir li għandhom x'jaqsmu mal-industrija agrikola;

(d) miżuri li jimponu penalitajiet jew sanzjonijiet amministrattivi jew multi ta' kuljum fuq kwalunkwe persuna li tikser kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu;

(e) organizzazzjonijiet tal-produtturi u gruppi tal-produtturi;

(f) prodotti li jkunu derivati direttament minn prodotti agrikoli lokali jew minn prodotti primarji tat-trobbija tal-annimali;

(g) kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni sostenibbli u l-prattiki agrikoli għall-preservazzjoni tar-riżorsi naturali u l-ekosistemi agrikoli;

(h) kwistjonijiet relatati ma' skemi ta' kwalità ta' prodotti agrikoli u produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni organika;

(i) miżuri relatati mat-twaqqif ta' reġistri nazzjonali ta' prodotti, varjetajiet, jew razez ta' rilevanza għas-settur agrikolu;

(j) kwistjonijiet relatati mal-produzzjoni ta' għelejjel, l-istabbiliment tal-vinji, l-inbid u l-produzzjoni taż-żebbuġ;

(k) kontrolli amministrattivi, ġbir ta' data, verifika ta' reġistri u kontrolli fuq il-post f'azjendi agrikoli sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(l) twaqqif u manutenzjoni ta' fond jew fondi stabbiliti speċifikament għas-settur agrikolu;

(m) ġbir ta' data għall-istabbiliment ta' sistema ta' informazzjoni agrikola, u kwalunkwe riċerka rilevanti;

(n) miżuri għall-protezzjoni, il-ġestjoni u l-konservazzjoni u l-kustodja tal-art agrikola;

(o) reġistrazzjoni tal-art għal skopijiet agrikoli;

(p) stabbiliment ta' proċeduri għar-rikonoxximent ta'

professjonisti fis-settur tal-agrikoltura u f'oqsma relatati mal-agrikoltura;

(q) preskrizzjoni tal-imposti u t-tariffi li jistgħu jiġu imposti għal servizzi mogħtija skont dan l-Att, jew fir-rigward ta' kwalunkwe materja li għaliha jkun ikkunsidrat li għandha titħallas tariffa;

(r) dħul fis-seħħ ta' kull trattat jew strument internazzjonali, inklużi direttivi, regolamenti u deċiżjonijiet, dwar kull materja regolata minn dan l-Att li Malta tista', minn żmien għal żmien, tkun parti jew soġġetta għalih, u li jiġu stabbiliti strutturi u jsiru dispożizzjonijiet oħra għall-implimentazzjoni tiegħu;

(s) stabbiliment ta' objettivi, il-ħruġ ta' direttivi u l-istabbiliment ta' prattiki agrikoli rakkomandati fir-rigward tas-settur agrikolu;

(t) preskrizzjoni fil-forma ta' kwalunkwe avviż, ordni jew dokument ieħor awtorizzat jew meħtieġ minn dan l-Att li għandu jsir, jiġi sottomess, innotifikat jew mogħti;

(u) tfassil ta' dispożizzjonijiet dwar pjan ta' kontinġenza f'każ ta' kwalunkwe kriżi relatata ma' kwalunkwe kwistjoni regolata minn dan l-Att;

(v) ksur ta' penalitajiet amministrattivi u multi, inklużi tranżazzjonijet ta' ftehim barra l-qorti;

(w) abbozzar ta' regolamenti relatati mal-ġestjoni tal-ħamrija preżenti fiż-żoni agrikoli;

(x) dispożizzjonijiet sabiex jipprovdi għar-rikonixximent u l-protezzjoni tal-varjetajiet ta' pjanti u razez ta' annimali, li jinkludu sottospeċi li huma kunsidrati kemm bħal awtoktoni kif ukoll ta' importanza agrikola;

(y) għall-preskrizzjoni ta' kwalunkwe ħaġa li tista' tkun jew hija meħtieġa li tiġi preskritta minn dan l-Att.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe liġi oħra, regolamenti ppubblikati taħt dan l-Att jistgħu jiġu ppubblikati bil-lingwa Maltija biss jew bil-lingwa Ingliża biss, jew biż-żewġ lingwi.

TAQSIMA IV
Infurzar

Setgħat ġenerali tal-uffiċjali awtorizzati.

8. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, għall-finijiet tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att, id-Direttur jew kwalunkwe uffiċjal jew persuna awtorizzata mid-Direttur, għandu jkollhom id-dritt li:

(a) jidħlu f'xi azjenda agrikola jew f'xi fond ieħor, pubbliku jew privat, f'kull ħin raġonevoli, u fil-każ ta' dar ta' abitazzjoni wara li jagħtu avviż raġonevoli ta' mill-inqas erbgħa u għoxrin (24) siegħa, sabiex jispezzjonaw, jiskopru u jinvestigaw kwalunkwe reat taħt dan l-Att jew xi regolamenti magħmula taħtu, li twettaq jew x'aktarx se jkun imwettaq, sabiex jiġbru evidenza u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħat li teżamina taħt dan l-Att, dawk il-persuni għandu jkollhom is-setgħa li jeżaminaw jew jidħlu fi kwalunkwe struttura, post magħluq, bini kummerċjali bħal ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u mħażen, vettura, stazzjon, dokumenti, tagħmir, laboratorju, razzett, pakkett jew kull oġġett ieħor li jkun meħtieġ sabiex jiġi eżaminat sabiex id-Direttur jew il-persuna awtorizzata jwettqu dmirijiethom sabiex jiksbu l-għanijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' dan l-Att:

Iżda kwalunkwe persuna awtorizzata li tidħol f'xi fond skont il-paragrafu (a) għandha tipproduċi evidenza tal-identità tagħha u l-awtorizzazzjoni sabiex tidħol qabel jew malli tidħol f'dak il-fond:

Iżda wkoll l-avviż ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa sabiex jidħol f'dar ta' abitazzjoni ma għandux ikun applikabbli jekk id-Direttur innifsu, iżda mhux xi uffiċjal ieħor li jaġixxi taħt l-awtorità delegata tiegħu, iqis li hemm suspett raġonevoli, abbażi ta' raġunijiet sostanzjati, li reat taħt l-Att jew ir-regolamenti magħmula taħtu twettaq jew ikun wasal sabiex jitwettaq:

Iżda wkoll fil-każ li sid ta' proprjetà privata jew kwalunkwe post ieħor ma jistax jiġi identifikat, l-uffiċjal jista' jidħol bil-forza u mingħajr twissija jew il-kunsens minn qabel tas-sid tal-imsemmija proprjetà privata, sabiex iwettaq id-dmirijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan l-Att u meta fid-diskrezzjoni tad-Direttur, ikun hemm periklu serju;

(b) jissekwestraw jew jissiġillaw kwalunkwe prodott agrikolu jew prodott li fir-rigward tiegħu twettaq jew x'aktarx

jitwettaq ksur taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(ċ) jissekwestraw, jissiġillaw, jew irendu mhux funzjonali kwalunkwe tagħmir, prodotti, gear, strumenti u, jew tagħmir elettroniku li huma jemmnu li ntuża fit-twettiq ta' tali reat jew li fir-rigward tiegħu huma jemmnu li tali reat twettaq jew li huwa r-riżultat ta' ksur taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(d) jissekwestraw jew jieħdu kopji ta' kwalunkwe dokument li huma jemmnu li huwa rilevanti għal kwalunkwe reat bħal dan skont dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(e) jispezzjonaw ir-rekords, il-liċenzji, il-permessi u n-notifiki kollha maħruġa skont dan l-Att jew li huma meħtieġa li jinżammu jew jiġu ppreżervati skont dan l-Att jew skont kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(f) iwettqu spezzjonijiet, jissorveljaw kull attività, jelevaw kampjuni, jieħdu ritratti, jiffilmjaw, jirrekordjaw bil-vidjo jew immaġini elettroniċi sabiex jivverifikaw il-konformità, jew skont kwalunkwe investigazzjoni ta' reati taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu jew kwalunkwe kondizzjoniet li għalihom tkun inħarġet liċenzja jew permess taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(g) jistgħu jitolbu u għandhom jingħataw kwalunkwe informazzjoni miżmuma minn dipartimenti jew korpi pubbliċi oħra responsabbli għall-agrikoltura u minn kwalunkwe persuna li tkun involuta bi kwalunkwe mod, ikkonċernata jew li tirregola s-settur agrikolu jew li jkollha interess fih li tingħata dik l-informazzjoni li tali persuna awtorizzata tista' raġonevolment teħtieġ dwar kwalunkwe kwistjoni regolata minn dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu; u

(h) ġeneralment jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ma' kwalunkwe regolamenti magħmula taħt dan l-Att.

(2) Għall-fini tat-twettiq ta' xi funzjoni taħt dan l-Att, id-Direttur, l-uffiċjali jew kwalunkwe uffiċjal jew persuna oħra li tista' tkun awtorizzata mid-Direttorat tal-Agrikoltura tista' titlob l-għajnuna tal-Pulizija Eżekuttiva, kwalunkwe kunsill lokali, kwalunkwe organizzazzjoni volontarja jew settur privat, kwalunkwe dipartiment tal-Gvern jew kwalunkwe aġenzija tal-gvern.

Avviż ta' qbid li għandu jingħata lil sid ta'oġġetti maqbuda.

(3) Kull meta jsir qbid, minnbarra meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid, ta' kwalunkwe oġġett konfiskat skont dan l-Att, il-persuna awtorizzata li taġixxi bħala l-uffiċjal tal-qbid għandha tagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u bir-raġunijiet tagħha lil sid l-oġġetti maqbuda, jekk magħruf, jew billi tagħti l-avviż lilu personalment jew b'ittra indirizzata lilu u mibgħuta b'posta reġistrata billi jitħalla fl-aħħar post magħruf tar-residenza jew tan-negozju tiegħu f'Malta.

Ħwejjeġ maqbuda jintalbu fi żmien tletin jum.

(4) Il-ħwejjeġ kollha maqbuda skont dan l-Att, għandhom jitqiesu kkonfiskati *ipso jure* u jistgħu jinbiegħu, jingħataw bħala donazzjoni jew jista' jsir bihom xort'oħra, kif jordna d-Direttur:

Iżda d-Direttur ma jistax jiddisponi minn dawk l-affarijiet jekk, fi żmien tletin (30) jum mid-data tal-qbid, il-persuna li mingħandha jkun sar dak il-qbid, jew is-sid ta' dawk l-affarijiet maqbuda, jew xi persuna awtorizzata minnu, jagħti avviż bil-miktub lid-Direttur li jitlob l-affarijiet hekk maqbuda jew li beħsiebu jitlobhom u jekk fi żmien tletin (30) jum mid-data li fiha jkun ingħata dak l-avviż, jiġu istitwiti proċeduri mir-rikorrent fil-qorti ċivili kompetenti:

Iżda wkoll jekk il-proċeduri ma jiġux istitwiti fi żmien tletin (30) jum mid-data tal-avviż, it-talba għandha titqies li ġiet abbandunata u d-Direttur jista' jiddisponi minn dawk l-affarijiet.

Oġġetti li jitħassru, eċċ., jistgħu jinbiegħu.

(5) Meta kwalunkwe oġġett maqbud skont dan l-artikolu jkun ta' xorta li jitħassar jew fil-fehma tad-Direttur jista' jsofri telf sostanzjali fil-valur wara li jgħaddi ż-żmien minn fuqu, jew ikun kreatura ħajja, b'ordni tad-Direttur, jistgħu jinbiegħu jew jingħataw bħala donazzjoni jew jiġu disposti:

Iżda meta tinbiegħ il-ħaġa li min-natura tagħha titħassar u jiġu istitwiti proċeduri fil-qorti, id-Direttur għandu jiddepożita l-qligħ tal-bejgħ fil-qorti sakemm il-qorti tagħti ordni dwar il-qbid jew xort'oħra tal-qligħ, lill-persuna li mingħandha l-affarijiet ġew maqbuda skont dan l-Att.

(6) Meta qbid magħmul skont dan l-artikolu jiġi kontestat skont is-subartikolu (4), id-Direttur jista', f'kull żmien, jekk jidhirlu li jkun hekk xieraq u minkejja li jkunu għadhom għaddejjin il-proċeduri li fihom ikun qiegħed jiġi kontestat il-qbid, jikkunsinna kull oġġett maqbud lil kull min jagħmel talba, hekk kif dan iħallas lid-Direttur dik is-somma li d-Direttur jidhirlu li tkun rappreżentattiva tal-valur tal-oġġett, jew meta min jagħmel it-talba jagħti lid-Direttur garanzija suffiċjenti għall-ħlas eventwali tat-tali somma, liema garanzija għandu jkollha l-istess valur tal-oġġett kif id-Direttur iqis xieraq. Dik is-somma jew garanzija, skont il-każ, għandha tinżamm sabiex tagħmel tajjeb għal kull pretensjoni li jista' jintalab għaliha skont il-liġi u, għall-fini

ta' kull proċeduri skont dan l-Att dwar l-oġġetti maqbuda, għandha tirrappreżenta u tissostitwixxi l-istess oġġetti maqbuda.

(7) Għall-fini tat-twettiq ta' kwalunkwe funzjoni skont dan l-Att jew xi regolamenti magħmula taħtu, id-Direttur, jew kwalunkwe persuna oħra awtorizzata tista' titlob l-għajnuna tal-Pulizija Eżekuttiva, il-Kontrollur tad-Dwana, kwalunkwe kunsill lokali, jew kwalunkwe dipartiment tal-Gvern jew aġenzija, kif ikun meħtieġ.

(8) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Pulizija Eżekuttiva, tal-uffiċjali tal-komunità, il-Kontrollur tad-Dwana, jew ta' kull awtorità oħra skont il-Kodiċi Kriminali jew liġi oħra. Kap. 9.

(9) Id-Direttur, jew kwalunkwe uffiċjal ieħor maħtur jew awtorizzat skont dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, minkejja kwalunkwe liġi oħra, għandu jkollu d-dritt li jassisti lill-Pulizija Eżekuttiva jew lill-Avukat Ġenerali fit-tmexxija tal-prosekuzzjoni skont dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu u li jittratta l-kawża quddiem il-qorti:

Iżda kull spejjeż relatati mal-konfiska, is-sekwestru, il-qbid u, jew ir-rimi ta' kwalunkwe prodott agrikolu, annimali u, jew kwalunkwe tagħmir għandu jagħmel tajjeb għalih fl-intier tiegħu, il-persuna li tkun kisret il-liġi.

9. Kwalunkwe persuna li: Reati u pieni.

(a) tattakka, tfixkel, tostakola, timmolesta jew tinterferixxi, jew tipprova tattakka, tfixkel, tostakola, timmolesta jew tinterferixxi, tirreżisti jew tfixkel volontarjament kull uffiċjal awtorizzat jew persuna oħra maħtura jew kwalunkwe uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva, uffiċjal tal-komunità, jew uffiċjal pubbliku, impjegat jew ħaddiem ta' kwalunkwe dipartiment tal-Gvern jew ta' xi aġenzija tal-Gvern fit-twettiq ta' dmirijiet skont dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu;

(b) tirrifjuta jew tonqos milli tikkonforma ma' kull ordni jew direzzjoni magħmula jew mogħtija legalment taħt dan l-Att u, jew regolamenti magħmula taħtu;

(ċ) mingħajr raġuni valida tonqos milli:

(i) tipprovdi l-informazzjoni mitluba lil uffiċjal awtorizzat; jew

(ii) tipproduċi kwalunkwe ħaġa meħtieġa li tkun prodotta skont dan l-Att u, jew kwalunkwe regolamenti

magħmula taħtu;

(d) tonqos milli tippermetti tfittxija jew spezzjoni skont dan l-Att u, jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(e) twaqqaf jew tipprova twaqqaf persuna oħra milli tikkonforma ma' kwalunkwe ordni jew direzzjoni jew milli twieġeb kwalunkwe mistoqsija, jew milli tipproduċi xi ħaġa jew tippermetti tfittxija jew spezzjoni; jew

(f) għall-finijiet li tikseb kwalunkwe liċenzja jew permess, jew għall-allegata konformità li tidher ma' kwalunkwe rekwiżit li tipprovdi kwalunkwe informazzjoni taħt dan l-Att u, jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, tipprovdi informazzjoni li hija taf li hi falza f'fatt materjali jew bi traskuraġni tipprovdi informazzjoni li hi falza f'fatt materjali,

għandha tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn erba' mija u sitta u sittin euro (€466) iżda li ma taqbiżx sitt elef euro (€6,000).

Ir-responsabbiltà għal kwalunkwe telf jew dannu mġarrab.

10. (1) Ebda uffiċjal awtorizzat jew uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva, uffiċjal tal-komunità, jew uffiċjal pubbliku, impjegat jew ħaddiem ta' kwalunkwe dipartiment tal-Gvern jew ta' kwalunkwe aġenzija tal-Gvern fit-twettiq tad-dmirijiet skont dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu, ma għandu jkun responsabbli għall-ebda telf jew dannu mġarrab minn kwalunkwe persuna minħabba xi ħaġa li saret jew li naqset milli ssir *in bona fede* matul l-amministrazzjoni ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolament magħmul taħtu.

(2) L-ebda azzjoni jew proċeduri legali oħra ma għandhom jiġu istitwiti kontra l-Gvern fir-rigward ta' kwalunkwe telf li jirriżulta mid-detenzjoni ta' prodotti jew mid-deterjorazzjoni tagħhom minħabba tali detenzjoni għall-iskop ta' spezzjoni taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu.

Multi.

11. Kwalunkwe persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu li għaliha ma tkun provduta l-ebda multa, għandha tkun soġġetta għal multa ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) iżda mhux iktar minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

Avviż ta' infurzar mid-Direttur.

12. (1) Meta d-Direttur jemmen li kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu jkunu ġew miksura, id-Direttur jew persuna oħra maħtura mid-Direttur jistgħu jinnotifikaw b'avviż ta' infurzar skont is-subartikolu (2).

(2) Avviż ta' infurzar innotifikat skont is-subartikolu (1) għandu:

(a) jitlob lill-persuna li wettqet il-ksur li tkun ġiet nnotifikata, sabiex twettaq dawk ix-xogħlijiet jew sabiex tieħu dawk il-passi li d-Direttur jista' jistabbilixxi sabiex tirrimedja, jew tipprevjeni l-kontinwazzjoni jew ir-ripetizzjoni ta' kwalunkwe ksur li għalih inħareġ l-avviż ta' infurzar; u

(b) jiddikjara l-perjodu li fih kull tali rekwiżit għandu jiġi mħares.

(3) Il-perjodu indikat fl-avviż ta' infurzar għall-konformità ma' xi rekwiżit għandu jkun perjodu li huwa raġonevoli fiċ-ċirkostanzi u ma għandu fl-ebda każ ikun perjodu ta' inqas minn tmienja u għoxrin (28) jum tax-xogħol.

(4) Id-Direttur jista' f'kull ħin:

(a) jirtira l-avviż ta' infurzar;

(b) jestendi l-perjodu ta' konformità ma' kull rekwiżit tal-avviż ta' infurzar; jew

(ċ) jimmodifika r-rekwiżiti tal-avviż ta' infurzar.

Penalitajiet amministrattivi.

13. (1) Meta d-Direttur jkollu kawża raġonevoli li jemmen li sar ksur taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolament magħmul taħtu minn xi persuna, u l-persuna li wettqet il-ksur ma kenitx konformi mal-kondizzjonijiet u, jew maż-żmien tal-avviż ta' infurzar imsemmija fl-artikolu 12, jew meta l-avviż ta' infurzar ma jkunx jista' jinħareġ minħabba li l-ksur ma jkunx jista' jiġi rimedjat, huwa jista' jordna li dik il-persuna li tiġi notifikata bil-miktub skont is-subartikolu (2).

(2) Avviż skont is-subartikolu (1) għandu jkun fih dan li ġej:

(a) id-data jew il-perjodi ta' żmien u ċ-ċirkostanzi li fihom seħħ il-ksur;

(b) id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jipprovdu għall-ksur;

(ċ) ġabra fil-qosor tal-fatti li fuqhom hi bbażata l-allegazzjoni li ġie mwettaq il-ksur, li tkun suffiċjenti b'mod komplet u ġust sabiex tinforma lill-persuna bl-allegazzjoni kontriha;

(d) kull kwistjoni oħra li d-Direttur iqis rilevanti għall-impożizzjoni ta' penali;

(e) l-ammont tal-penali dovuta, u fejn il-penali dovuta tiddependi fuq ksur preċedenti, id-data ta' tali ksur; u

(f) jekk jidher li huwa raġonevoli għad-Direttur u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi, jekk applikabbli, is-sospensjoni għal dak il-perjodu ta' żmien, kif innotifikat, ta' kull liċenzja, u, jew permess jew kull tip ieħor ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, jew mid-Direttur taħt kwalunkwe liġi oħra, u fl-avviż, għandu jkun hemm dikjarazzjoni bil-miktub li tali avviż qiegħed jinħareġ taħt dan l-artikolu.

(3) Meta persuna tkun ġiet notifikata skont is-subregolament (1) ma tammettix u ma tħallasx l-ammont impost fi żmien tletin (30) jum wara li tkun ġiet innotifikata bl-avviż, id-Direttur għandu jistitwixxi proċeduri jew jitlob li jiġu istitwiti proċeduri fil-Qorti fir-rigward tal-allegat ksur.

(4) Meta persuna tammetti ksur taħt dan l-artikolu, id-Direttur għandu jimponi penali monetarja fuq dik il-persuna fir-rigward tal-ksur. Id-Direttur għandu jqis kwalunkwe wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin sabiex jiddetermina l-ammont li għandu jkun impost għall-ksur:

(a) in-natura u l-limitu tal-ħsara kkawżata;

(b) l-intenzjoni tal-ħati;

(ċ) is-sitwazzjoni ekonomika tal-ħati; u

(d) kull ripetizzjoni tal-ksur.

(5) Il-penali imposta taħt is-subartikolu (4) għandha tkun dovuta bħala dejn ċivili infurzabbli mill-qorti kompetenti tal-ġurisdizzjoni ċivili favur il-Gvern u l-ammissjoni tal-akkuża taħt ġurament mill-persuna li kontriha tiġi imposta l-piena għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u l-Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(6) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti oħra magħmula taħtu, fejn ikun ġie ammess ksur taħt dan l-artikolu, l-ebda akkuża ma tista' tinħareġ fir-rigward ta' dan il-ksur kontra persuna li tkun irreġistrat l-ammissjoni.

(7) Proċeduri fir-rigward ta' ksur taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti oħra magħmula taħtu, għandhom jittieħdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar proċeduri kriminali quddiem tali qorti għandhom, soġġett għall-artikoli ta' dan l-Att, japplikaw fir-rigward ta' proċeduri għal ksur taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu.

Kap. 9.

(8) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu d-dritt tal-appell fil-Qorti tal-Appell Kriminali fir-rigward ta' kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fir-rigward ta' proċeduri għal kwalunkwe reat taħt dan l-Att. Kap. 9.

(9) L-ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tapplika għal ksur li fir-rigward tiegħu tkun diġà saret xi akkuża.

14. Fejn ksur jitwettaq minn assoċjazzjoni jew korp ta' persuni, kull persuna li, fiż-żmien tat-twettiq tal-ksur, kienet direttur, maniġer, segretarju jew uffiċjal simili ieħor ta' tali assoċjazzjoni jew korp ta' persuni, jew kellha l-intenzjoni li taġixxi f'tali kapaċità, għandha tkun ħatja ta' dak ir-reat sakemm ma ġġibx prova li r-reat twettaq mingħajr l-għarfien tagħha u li eżerċitat id-diliġenza dovuta kollha sabiex tipprevjeni t-twettiq tar-reat. Ksur minn korp ta' persuni.

15. (1) It-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti sabiex jisma' u jiddetermina l-appelli magħmula minn kwalunkwe persuna li tħossha aggravata minn kwalunkwe deċiżjoni tad-Direttur li ma jagħtix jew ma jġeddidx, jew jissospendi jew jirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenzja jew permess, jew li jimponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet relatati magħhom. Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva. Kap. 490.

(2) It-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva jista' jitlob lil kwalunkwe dipartiment jew aġenzija tal-Gvern sabiex jipprovdi lit-Tribunal b'tali informazzjoni jew parir skont kif jidhirlu t-Tribunal li jkun meħtieġ għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.

(3) Appell skont dan is-subartikolu lit-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi ppreżentat fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tad-deċiżjoni tad-Direttur.

(4) Għandu jkun hemm dritt ta' appell skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva minn deċiżjonijiet tat-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva skont is-subartikolu (1) u l-imsemmi appell għandu jsir lill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Kap. 490.

TAQSIMA V
Mixxellanji

Id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mingħajr dewmien.

16. (1) Deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għandhom jittieħdu mingħajr dewmien.

(2) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti, jagħmel regolamenti sabiex jagħti effett aħjar lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Reviżjoni tal-attivitajiet.

17. Id-Direttorat jista' jagħmel ukoll reviżjoni ta' kwalunkwe attività mwettqa qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, jew kwalunkwe Att ieħor li jipprevedi dan l-Att, li ma tkunx konformi mar-regoli, ir-regolamenti, il-pjanijiet, il-politiki jew l-awtorizzazzjonijiet fis-seħħ fiż-żmien li tkun seħħet l-attività, u fir-rigward ta' kwalunkwe attività bħal din id-Direttorat għandu jkollu s-setgħat li għandu fir-rigward ta' attività mwettqa wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att sabiex jiżgura l-konformità mar-regoli, ir-regolamenti, il-pjanijiet u l-politiki msemmija qabel jew sabiex jirregolarizza xi attività bħal din sal-limitu li d-Direttorat iqis li jkun adegwat fiċ-ċirkostanzi.

Notifika ta' dokumenti.

18. (1) Fejn kwalunkwe notifika, ordni, strument jew dokument ieħor ikun meħtieġ jew awtorizzat li jiġi nnotifikat jew mogħti minn jew taħt dan l-Att, jista' jiġi nnotifikat jew mogħti bi kwalunkwe wieħed mill-mezzi li ġejjin:

(a) billi jingħata lill-persuna li lilha għandu jiġi nnotifikat jew lil min għandu jingħata;

(b) billi jitħalla fil-post ta' residenza tiegħu jew fl-aħħar residenza magħrufa ta' dik il-persuna jew, jekk tali persuna tkun ippreżentat indirizz għan-notifika, f'dak l-indirizz;

(ċ) billi jintbagħat permezz ta' ittra rreġistrata indirizzata lil dik il-persuna fil-post ta' residenza jew fl-indirizz għan-notifika msemmi qabel;

(d) fil-każ ta' entità korporattiva jew entità oħra ta' persuni, billi dan jingħata lil uffiċjal jew impjegat tiegħu fl-uffiċċju rreġistrat jew prinċipali, jew billi dan jintbagħat permezz ta' ittra rreġistrata indirizzata lill-entità msemmija hawn f'dak l-uffiċċju;

(e) fi kwalunkwe każ li fih ma jkunx raġonevolment possibbli li ssir in-notifika bi kwalunkwe mezz imsemmi hawn fuq, kemm jekk lill-persuni kollha jew lil xi waħda jew aktar minn dawk li trid issirilhom jew għandha tingħatalhom notifika, billi jitwaħħal id-dokument li għandu jiġi nnotifikat jew mogħti

f'post li jidher fuq l-art li magħha jkun relatat u billi dan jinżamm imwaħħal għal perjodu ta' mhux inqas minn sebat (7) ijiem;

(f) fi kwalunkwe każ li fih ma jkunx raġonevolment possibbli li ssir notifika fi kwalunkwe wieħed mill-modi msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) kemm jekk lill-persuni kollha jew lil kwalunkwe waħda jew aktar li lilhom għandha ssir in-notifika jew għandu jingħata avviż, permezz ta' pubblikazzjoni f'gazzetta lokali; jew

(g) meta l-ordni, in-notifika, jew dokument ieħor li għandu jiġi nnotifikat jew mogħti jitwaħħal fuq l-art iżda jitneħħa qabel il-perjodu ta' skadenza ta' sebat (7) ijiem, it-twaħħil mill-ġdid tal-ordni, in-notifika jew dokument ieħor għandu jkun biss għall-perjodu li jifdal wara li d-dokument ikun tneħħa.

(2) Meta l-avviż jew dokument ieħor ikun meħtieġ jew awtorizzat li jiġi nnotifikat jew mogħti lil kwalunkwe persuna li jkollha interess fl-art, u l-isem ta' dik il-persuna ma jkunx jista' jiġi aċċertat wara investigazzjoni raġonevoli, jew ikun meħtieġ jew awtorizzat li jiġi nnotifikat lill-okkupanti tal-art, l-avviż għandu jitqies li jkun ġie nnotifikat kif suppost jew mogħti jekk ikun innotifikat jew mogħti fi kwalunkwe wieħed mill-modi indikati fis-subartikolu (1) u indirizzat lill-persuna li għandha interess fl-art bid-deskrizzjoni ta' "sid" jew "okkupant".

(3) Persuna li fi kwalunkwe ħin wara li ordni, avviż jew dokument ieħor jitwaħħal skont dan l-artikolu, tneħħi, tagħmel ħsara jew tħassar l-imsemmija ordni, avviż jew dokument ieħor imwaħħal matul it-terminu tal-validità tiegħu mingħajr awtorità legali għandha tinstab ħatja ta' reat u għandha tkun soġġetta għal multa li ma taqbiżx ammont massimu ta' elf euro (€1,000).

Tħassir, riżervi u dispożizzjonijiet tranżitorji. Kap. 84. Kap. 85.

19. (1) L-Ordinanza dwar l-Istatistika tal-Biedja u l-Ordinanza dwar l-Esportazzjoni ta' Prodotti tal-Biedja, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanzi mħassra" huma b'dan imħassra, u kwalunkwe referenza fi kwalunkwe liġi għall-Ordinanzi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenza għal dan l-Att.

(2) Kwalunkwe ordni, regola, regolament, bye-law, avviż, pjan jew politika jew strument ieħor li jkollu s-saħħa ta' liġi magħmula taħt l-awtorità jew li jinżamm fis-seħħ taħt kwalunkwe dispożizzjoni tal-Ordinanzi mħassra għandhom jibqgħu fis-seħħ u għandu jibqa' jkollhom effett daqslikieku saru skont dan l-Att u jistgħu jiġu emendati, sostitwiti jew imħassra kif xieraq.

(3) Kull liċenzja, permess, awtorità, ordni, notifika jew ċertifikat, jew kull prosekuzzjoni jew akkuża mogħtija jew magħmula jew miżmuma fis-seħħ taħt kull waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanzi mħassra u li għadhom fis-seħħ minnufih qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandhom sa minn dik id-data jibqgħu fis-seħħ daqslikieku kienu liċenzja, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat, jew prosekuzzjoni jew akkużi mogħtija jew magħmula taħt dispożizzjoni korrispondenti ta' dan l-Att, u kull liċenzja, permess, awtorità, ordni, notifika jew ċertifikat bħal dawn, jew prosekuzzjoni jew akkużi kif imsemmija qabel għandhom jiġu ttrattati u indirizzati kif xieraq:

Iżda f'każ ta' tali liċenzja, permess, awtorità, ordni, notifika jew ċertifikat maħruġ bħala operattiv għal perjodu speċifiku, tali liċenzja, permess, awtorità, ordni, notifika jew ċertifikat għandhom jibqgħu operattivi għal tali perjodu mid-data li fiha tali liċenzja, permess, awtorità, ordni, notifika jew ċertifikat ikunu nħarġu.

(4) Kwalunkwe liġi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandha titqies, dment li ma jsirux dispożizzjonijiet oħra taħt jew bis-saħħa ta' dan l-Att, li baqgħet fis-seħħ inkluż għall-fini ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri li jkunu ġew istitwiti qabel daqslikieku tali att ġara wara d-data msemmija.

Emendi konsegwenzjali. Kap. 490.

20. (1) Fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, minnufih wara l-partita "Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta" għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"Att dwar l-Agrikoltura	Kap. 639	Kompetenza Inferjuri".

(2) Mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, il-leġiżlazzjoni sussidjarja elenkata fl-ewwel kolonna tal-Iskeda għandha titqies li saret taħt id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan l-Att, u għandha tiġi enumerata mill-ġdid skont kif speċifikat fit-tielet kolonna tal-imsemmija Skeda.

SKEDA
(Artikolu 20(2))

Leġiżlazzjoni Sussidjarja meqjusa bħala magħmula taħt dan l-Att

LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA	ENUMERAZZJONI PREŻENTI	KIF GĦANDHA TIĠI ENUMERATA MILL-ĠDID
Regolamenti dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa	L.S.117.34	L.S. 639.01
Regolamenti dwar il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Agrikoltura	L.S. 117.45	L.S. 639.02
Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agri-alimentari Tradizzjonali ta' Malta	L.S.427.89	L.S. 639.03
Regolamenti dwar l-Istabbiliment ta' Skema Nazzjonali tal-Prodotti ta' Kwalità	L.S.427.90	L.S. 639.04
Regolamenti dwar Organic Production and Labelling of Organic Products	L.S. 427.93	L.S. 639.05
Regolamenti dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fl-Oqsma tal-Ħaxix u Frott	L.S. 447.01	L.S. 639.06
Regolamenti dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi (Ċertu Prodotti)	L.S. 447.02	L.S. 639.07
Regolamenti dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-Qasam ta' l-Inbid	L.S. 447.03	L.S. 639.08
Regolamenti dwar Bord dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi	L.S. 447.04	L.S. 639.09

A 764

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 154 tal-11 ta' Ottubru, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati